MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. NEVILLE CAMILLERI

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2013

Numru. 93/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Melvyn Camilleri)**

**vs.**

**Richard Debrincat**

Numru: 93/2011

Illum 26 ta’ Novembru 2013

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Richard Debrincat**, iben Joseph u Eucharistica neé Grima, imwieled Australia fit-22 ta’ April, 1982 u residenti gewwa l-fond Opera, Triq l-Arcipriet Guzepp Grech, Xewkija, Ghawdex u detentur tal-Karta tal-Identita’ bin-Numru

292193(M), akkuzat talli f'Malta f'Awwissu 2009 u fix-xhur ta' qabel:

1. qieghed fis-suq, immanifattura, ghamel manutenzjoni jew ipprovda xi apparat rilevanti ghal-loghob jew xi parti jew partijiet minnu, meta ma kellux licenzja valida ghal dan l-iskop mahruga mill-Awtorita' Kompetenti jew ma kienx ezenti minn dik il-htiega ta' licenzja dwar dak l-apparat rilevanti ghall-loghob mill-istess Awtorita' kompetenti;
2. u aktar talli fl-istess zmien, lokalitajiet u cirkostanzi, opera, ippromwova jew biegh jew b'xi mod li jkun, ghen jew hajjar l-operat, promozzjoni jew bejgh ta' loghob mhux awtorizzat;

3. u aktar talli fl-istess zmien, lokalitajiet u cirkostanzi xjentament ippermetta l-uzu ta' xi post bil-ghan tal-operazzjoni, il-promozzjoni, il-bejgh jew il-loghob ta' xi loghba bi ksur ta' xi dispozizzjoni tal-Ligi jew ta' xi regolamenti maghmulin taht xi ligi;

4. u wkoll talli fl-istess zmien, lokalitajiet u cirkostanzi ghamel xi haga minghajr licenzja ta' Awtorita' kompetenti meta din il-licenzja hija mehtiega minn ligi jew minn regolamenti maghmulin mill-Awtorita' kompetenti bis-sahha ta' dik il-ligi.

Il-Qorti giet mitluba biex f'kaz ta' sejbien ta' htija, minbarra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u kif ukoll tordna l-elevar u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oggetti u l-flus li servew ghall-ghemil tar-reati kif provdut f'Artikolu 72 tal-Kapitolu 438 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (Dok. "C" – *a fol.* 9).

Rat li, meta sar l-ezami tal-imputat, l-imputat ta l-kunsens tieghu sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (*a fol.* 13).

Semghet lix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Rat li l-imputat ghazel li ma jixhidx u li anqas ressaq ebda provi.

**Ikkunsidrat**

Illi, mill-provi prodotti u mismugha, ma jirrizultax li l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat gew sodisfacentement pruvati.

Illi, in segwitu ta' dak li nghad fil-paragrafu precedenti, l-imputat ser jigi liberat mill-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, fuq nuqqas ta' provi, tillibera lill-imputat mill-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------